# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Illum l-Ġimgħa għoxrin (20) ta’ Ġunju, 2025**

**Fl-Atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni.: 649/2025/1 MH**

**Paul Bajada et**
**Vs**
**Rose Bonnici et**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta’ Inibizzjoni datat 24 ta’ April 2025, fejn għal raġunijiet hemm premessi, ntalab il-ħruġ ta’ dan l-att kawtelatorju biex l-intimati jitwaqqfu milli jkomplu żona ta’ parkeġġ bil-ħlas ukoll gabbana bis-siġġijiet u mwejjed ġo l-fond hemm indikat.

Rat li huma jvantaw din it-talba fuq skorta ta’ sentenza fl-ismijiet Eucharist Bajada vs Annunziato Cassar et li għaddiet inġudikat.

Fit-trattazzjoni ġie avvanzat u jidher mid-dokumenti annessi mar-rikors in eżami li nħarġet enforcement notice fil-konfront tas-sit, minħabba l-użu mhux regolariżżat tiegħu, u ta’ dan kienu qed jiġu nkorsi multi ġurnalieri, li skond ir-rikorrenti jistgħu jiġu mputati lilhom.

Rat li r-risposta kienet waħda oppożitorja għar-raġunijiet li ser jingħad.

Bħall-intimati l-Qorti tara li r-rikorrenti ma jidhirx li mad-daqqa t'għajn ippruvaw sal-grad hawn rikjest, il-prova tal-jedd.

Oltre għal fatt li s-sentenza indikata fir-rikors mhux ċar kif tolqot lill-intimati.

Oltre hekk tqis ukoll li talba għall-ħlas pekunjarju jista' jiġi kkawtelat b'atti oħra ta' natura aktar ordinarja. Fatt dan li sallum ma sarx.

Konsegwentement għax tara li jonqsu l-elementi mitluba għas-sodisfazzjon tat-talba tiċħadha bl-ispejjeż għar-rikorrenti.

Tirrevoka wkoll contrario imperio d-digriet fejn il-Qorti laqgħet din it-talba b'mod proviżorju (24 t'April 2025).

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**